MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2011

Numru. 45/2009

Il-Pulizija
(Sp Jesmond Borg)
vs
Emmanuel Abela, iben Leonard, imwieled Marsaxlokk fid-29 ta’ Marzu, 1962, Karta ta’ l-Identita numru 209962(M)

Illum, 16 ta’ Marzu, 2011

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
a. talli, fil-waqt li kien fir-residenza tiegħu, li tinsab fil-fond Flat numru 3, Kendall Court’, Triq il-Granmastri, Marsaskala, fit-8 ta’ Jannar, 2009 u fil-ġranet u fix-xhur ta’ qabel, kellu fil-pussess tiegħu jew kellu taħt il-kontroll tiegħu arma mingħajr il-liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
b. talli fit-8 ta’ Jannar, 2009 inġurja u hedded lill-ħabiba tiegħu Rosa Maria Mallia;

c. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bħala uffiċjal pubbliku għamel reat li kellu jissorvelja li ma jsirx jew minħabba l-kariga tiegħu kien fid-dmir tiegħu li jimpedixxi milli jsiru tali reati;
d. talli fit-8 ta' Jannar, 2009 u fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel, ġab ruħu b'tali mod li kkaġuna lil ħaddieħor biża' li ser tintuza vjolenza kontra tagħhom, meta kien jaf jew missu kien jaf li b'tali mġieba tiegħu ser jikkaġuna lil ħaddieħor biża.
Il-Qorti ġiet mitluba li tapplika l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali.
Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ Ordni ta' Protezzjoni favur Rosa Maria Mallia skont l-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali kemm waqt il-mori tal-kawża, kif ukoll f'każ ta' ħtija ma kull piena li din il-Qorti jidrilha xieraq.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tordna lill-imputat li jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Marzu, 2011 fejn Rosa Maria Mallia ħafret lill-imputat u rrinunzjat għall-azzjoni Kriminali, minħabba l-fatt ukoll li huma jgħixu flimkien bħala familja u għandhom tifla.

Għaldaqstant, tiddikjara l-proċediment eżawrit għal dak li tirrigwarda t-tieni akkuża. Ma ssibux ħati tat-tielet u tar-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu billi ma ġew prodotti ebda xhieda minħabba rinunzja. Issibu ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 3 u 51 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mija u għoxrin euro (€120). Minbarra dan tordna l-konfiska tal-oġġett eżebit. Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikoli 383, 384, 385 u 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali. Lanqas ma hemm lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------